



2023/0042(COD)

13.10.2023

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1242 fir-rigward tat-tisħiħ tal-istandards ta' prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ għal vetturi heavy-duty ġodda u l-integrazzjoni tal-obbligi ta' rapportar, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/956 (COM(2023)0088 – C9-0025/2023 – 2023/0042(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Miapetra Kumpula-Natri

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Ir-rapporteur tappoġġa ħafna elementi tal-proposta tal-Kummissjoni għar-reviżjoni tar-regolament dwar l-istandards tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-vetturi heavy-duty, bħall-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament biex ikopri trakkijiet iżgħar, karozzi tal-linja fuq distanzi twal u trejlers. Il-mira ta' emissjonijiet zero għal karozzi tal-linja ġodda fil-bliet fl-UE mill-2030 hija wkoll proposta milqugħa. Wara kollox, is-settur tat-trasport bit-triq jirrappreżenta 20 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG) tal-UE u huwa kawża ewlenija tat-tniġġis tal-arja fil-bliet.

Ir-rapporteur taqbel mal-mira ambizzjuża għas-sottogruppi tal-vetturi kollha għall-perjodi ta' rapportar tas-snin mill-2040' il quddiem b'90 fil-mija u temmen li l-mira tagħti sinjal ċar lis-swieq li l-Unjoni Ewropea qed timxi lejn futur ta' standards ta' emissjonijiet zero. Dan huwa ta' benefiċċju għall-manifatturi, għax-xerrejja u l-aktar importanti għaċ-ċittadini li bħalissa huma affettwati mill-emissjonijiet tas-settur tat-trasport. Fl-istess ħin, qed tingħata biżżejjed flessibilità lill-manifatturi biex jikkonformaw mar-regolament il-ġdid. Madankollu, ir-rapporteur tipproponi standards tal-emissjonijiet tas-CO₂ ġodda u aktar b'saħħithom għall-vetturi heavy-duty għall-perjodi ta' rapportar tas-snin mill-2035 sal-2039 billi tiżdied il-mira b'10 fil-mija. Ir-rapporteur tqis li huwa importanti li jiżdied l-għadd ta' vetturi ġodda b'emissjonijiet zero lejn l-aħħar perjodi ta' rapportar.

Barra minn hekk, ir-rapporteur tipproponi definizzjoni aktar ambizzjuża ta' vettura b'emissjonijiet zero. Skont il-proposta tal-Kummissjoni, vettura b'emissjonijiet zero tkun tista' tarmi sa 5 g CO₂/tkm, l-ekwivalenti ta' 9 % tal-emissjonijiet ta' trattur-trejler konvenzjonali standard. Din il-kwota għandha l-għan li tippermetti li l-magni li jużaw żewġ tipi ta' fjuwil li jaħdmu b'taħlita ta' idroġenu u diżil jiġu kkategorizzati bħala emissjonijiet zero. Ir-rieżami ta' 1 g CO₂/tkm huwa l-approċċ regolatorju raġonevoli, li jippermetti li l-magni b'kombustjoni tal-idroġenu monofjuwil jiġu kategorizzati bħala emissjonijiet zero, filwaqt li jiġi żgurat li l-kontribut reali tal-magni li jużaw żewġ tipi ta' fjuwil għat-tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO₂ jiġi kkunsidrat kif xieraq.

Barra minn hekk, ċerti "vetturi vokazzjonali" bħat-trakkijiet tal-ġbir tal-iskart, huma eżentati mill-miri skont il-proposta tal-Kummissjoni. Madankollu, l-emissjonijiet tas-CO₂ tagħhom huma ċċertifikati skont il-VECTO u mmonitorjati u rrapportati mill-manifatturi tal-vetturi u mill-Istati Membri tal-UE. Peress li t-trakkijiet tal-ġbir tal-iskart joperaw l-aktar fil-bliet, dawn jaffettwaw ukoll b'mod sinifikanti l-kwalità tal-arja urbana u joħolqu tniġġis akustiku mhux mixtieq. Għalhekk, it-trakkijiet tal-ġbir tal-iskart għandhom ikunu inklużi fil-miri ta' tnaqqis tas-CO₂.

Bl-istess mod, il-vetturi b'massa massima ta' anqas minn 5 tunnelli jinkludu ħafna trakkijiet tal-konsenja urbani li jfornu l-ħwienet bħas-supermarkets fil-bliet, u għalhekk id-dekarbonizzazzjoni tagħhom se tikkontribwixxi għat-titjib tal-kwalità tal-arja urbana.

Għalhekk it-trakkijiet iżgħar għandhom ikunu soġġetti wkoll għall-istess miri tas-CO₂, u jiġu attribwiti lis-sottogruppi rispettivi skont il-profil tal-missjoni, il-kilometraġġ u t-tagħbija utli tagħhom.

Ir-rapporteur tissuġġerixxi li sal-2028, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami komprensiv tal-effettività u l-impatt tar-Regolament u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-eżitu. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, jekk ikun xieraq, minn proposta riveduta tar-Regolament. Sal-2025, il-Kummissjoni Ewropea, f'konsultazzjoni mal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima, għandha tippreżenta rieżami annwali tas-sitwazzjoni tal-kundizzjonijiet abilitanti għal kull Stat Membru.

Fl-aħħar nett, ir-rapporteur hija tal-fehma li l-kalkolu tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-vetturi heavy-duty ma jqisx l-effiċjenza enerġetika aħjar ta' kombinazzjonijiet tqal ħafna, b'massa massima permissibbli ta' aktar minn 60 tunnellata. Peress li t-tagħbija utli preżunta tagħhom hija l-istess bħal dik għal vetturi heavy-duty ferm iżgħar fl-istess sottogruppi, l-emissjonijiet ikkalkolati tagħhom ta' CO₂ f'tunnellati kull kilometru mhux se jikkorrispondu għat-tagħbija reali ttrasportata mill-kombinazzjoni tqila ħafna. Għandu jiġi applikat fattur ta' kumpens għall-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO₂ tal-manifatturi biex jikkumpensaw għat-tagħbijiet oġhla li jinġarru minn kombinazzjoni tqila ħafna, u b'dan il-mod titqies l-effiċjenza enerġetika mtejba tagħhom.

EMENDA

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Fir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹, l-Unjoni naqqxet *il-mira* tan-newtralità klimatika fl-ekonomija kollha *sal-2050 fil-leġiżlazzjoni*. Dak ir-Regolament jistabbilixxi wkoll impenn vinkolanti tal-Unjoni għat-tnaqqis domestiku tal-emissjonijiet netti tal-gassijiet serra

Emenda

(4) Fir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹, l-Unjoni naqqxet *fil-leġiżlazzjoni l-mira* tan-newtralità klimatika fl-ekonomija kollha *mill-aktar fis possibbli u sa mhux aktar tard mill-2050, u l-għan li jinkisbu emissjonijiet negattivi minn hemm 'il quddiem*. Dak ir-Regolament jistabbilixxi

(emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti) ta' **mill-inqas** 55 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030.

wkoll impenn vinkolanti tal-Unjoni għat-tnaqqis domestiku tal-emissjonijiet netti tal-gassijiet serra (emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti) ta' **mill-anqas** 55 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030. **Dak ir-Regolament jistabbilixxi wkoll li l-Kummissjoni jenħtieġ li tagħmel ħilitha biex tallinja l-proposti leġiżlattivi u baġitarji futuri kollha mal-objettivi u l-miri stabbiliti f'dak ir-Regolament u, fi kwalunkwe każ ta' nuqqas ta' allinjament, tipprovdi r-raġunijiet bħala parti mill-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja dawk il-proposti.**

¹¹ Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

¹¹ Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Is-setturi kollha tal-ekonomija huma mistennija jikkontribwixxu **għall-ilħuq** ta' dak it-tnaqqis fl-emissjonijiet, inkluż is-settur tat-trasport bit-triq.

Emenda

(5) Is-setturi kollha tal-ekonomija huma mistennija **li** jikkontribwixxu **għall-kisba** ta' dak it-tnaqqis fl-emissjonijiet, inkluż is-settur tat-trasport bit-triq, **li huwa l-uniku settur fl-Unjoni li fih l-emissjonijiet ilhom jiżdiedu mis-snin 90. It-trasport heavy-duty b'mod partikolari jirrappreżenta aktar minn kwart tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport bit-triq fl-UE u aktar minn 6 % tal-emissjonijiet totali tal-gassijiet serra tal-UE.**

Emenda 3

**Proposta għal regolament
Premessa 8**

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Sabiex isir kontribut għat-tnaqqis fl-emissjonijiet netti tal-gassijiet serra ta' **mill-inqas** 55 % sal-2030 meta mqabbla mal-1990 u f'konformità mal-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel", huwa neċessarju li jissaħħu r-rekwiżiti tat-tnaqqis stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/1242 għall-vetturi heavy-duty. Jeħtieġ ukoll li jiġi stabbilit perkors ċar għal aktar tnaqqis lil hinn mill-2030 sabiex jikkontribwixxi għall-kisba tal-oġġettiv tan-newtralità klimatika sal-2050.

Emenda

(8) Sabiex isir kontribut għat-tnaqqis fl-emissjonijiet netti tal-gassijiet serra ta' **mill-anqas** 55 % sal-2030 meta mqabbla mal-1990 u f'konformità mal-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel", huwa neċessarju li jissaħħu r-rekwiżiti tat-tnaqqis stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/1242 għall-vetturi heavy-duty. Jeħtieġ ukoll li jiġi stabbilit perkors ċar għal aktar tnaqqis lil hinn mill-2030 sabiex jikkontribwixxi għall-kisba tal-oġġettiv tan-newtralità klimatika sal-2050. **Huma meħtieġa azzjonijiet ambizzjużi dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fit-trasport bit-triq, iżda t-tnaqqis tal-emissjonijiet huwa meħtieġ ukoll f'setturi oħra, inklużi setturi li diffiċli jitnaqqsu.**

Emenda 4

**Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8 a) It-tisħiħ tar-rekwiżiti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-vetturi heavy-duty u l-introduzzjoni tal-infrastruttura meħtieġa tal-irriċarġjar u tar-riforniment tal-fjuwil se jkollhom rwol ewlieni fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-flotta kollha tal-vetturi heavy-duty, iżda jenħtieġ li jiġu kkomplementati wkoll minn inizjattivi oħra li għandhom l-għan li jaċċelleraw bidla modali mit-triq għall-ferroviji u li jżidu l-merkanzija bil-ferrovija.

Emenda 5

**Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9 a) Il-vetturi elettriċi bil-batterija, il-vetturi b'ċellola tal-fjuwil u vetturi oħra li jaħdmu bl-idroġenu għandhom potenzjal qawwi li jiddekarbonizzaw ċerti segmenti tas-settur tat-trasport heavy-duty u l-iżvilupp tagħhom jenħtieġ li jiġi mħeġġeġ.

Emenda 6

**Proposta għal regolament
Premessa 10**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10) F'dak l-isfond, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miri msaħħin ġodda għat-tnaqqis tal-emissjonijiet **tas-CO₂** għal vetturi heavy-duty ġodda għall-perjodu mill-2030 'il quddiem. Dawk il-miri jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'livell li jagħti sinjal qawwi sabiex tiġi aċċellerata l-adozzjoni ta' vetturi b'emissjonijiet żero fis-suq tal-Unjoni u **sabiex** tiġi **stimolata** l-innovazzjoni f'teknoloġiji b'emissjonijiet żero b'mod kosteffiċjenti.

(10) F'dak l-isfond, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miri msaħħin ġodda għat-tnaqqis tal-emissjonijiet **tas-CO₂** għal vetturi heavy-duty ġodda għall-perjodu mill-2030 'il quddiem. Dawk il-miri jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'livell li jagħti sinjal qawwi sabiex tiġi aċċellerata l-adozzjoni ta' vetturi b'emissjonijiet żero fis-suq tal-Unjoni u **jenħtieġ li jkunu konsistenti mad-disponibbiltà ta' kundizzjonijiet abilitanti, jiġifieri network dens biżżejjed ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi, bil-għan li tiġi promossa** l-innovazzjoni f'teknoloġiji b'emissjonijiet żero b'mod kosteffiċjenti. **Dan jenħtieġ li jiżgura li l-kumpaniji Ewropej iżommu pożizzjoni ta' tmexxija fis-suq globali, u jikkontribwixxi biex jitnaqqsu l-kostijiet operattivi għall-kumpaniji tat-trasport, filwaqt li jiżgura li l-Unjoni tissodisfa l-oġettivi tagħha dwar il-klima u t-tniġġis tal-arja.**

Emenda 7

**Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)**

(10 a) L-esponiment għat-tniġġis tal-arja, inkluż mit-trasport bit-triq, jaffettwa bil-kbir il-popolazzjoni urbana fl-Unjoni, u huwa assoċjat ma' mewt prematura. Billi tiħaffef l-introduzzjoni ta' vetturi b'emissjonijiet żero u b'emissjonijiet baxxi, ir-rekwiżiti msaħħa għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ se jikkontribwixxu wkoll biex jitnaqqas it-tniġġis tal-arja mit-trasport bit-triq.

Emenda 8

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istrateġija Industrijali l-Ġdida¹⁴ aġġornata tipprevedi l-ħolqien konġunt ta' perkorsi ta' tranżizzjoni ekoloġika u diġitali fi sħubija mal-industrija, mal-awtoritajiet pubbliċi, mas-sħab soċjali u ma' partijiet ikkonċernati oħrajn. F'dan il-kuntest, qiegħed jiġi żviluppat perkors ta' tranżizzjoni għall-ekosistema **tal-mobilità** sabiex jakkumpanja t-tranżizzjoni tal-katina tal-valur tas-settur awtomobilistiku. Il-perkors iqis b'mod partikolari l-impriżi żgħar u medji fil-katina tal-provvista tas-settur awtomobilistiku, il-konsultazzjoni mas-sħab soċjali inkluż mill-Istati Membri, u jibni wkoll fuq l-Aġenda Ewropea għall-Ħiliet b'inizjattivi bħall-Patt għall-Ħiliet sabiex jimmobilizza s-settur privat u partijiet ikkonċernati oħrajn sabiex itejbu l-ħiliet tal-forza tax-xogħol tal-Ewropa u sabiex jagħtu lill-forza tax-xogħol tal-Ewropa ħiliet ġodda fid-dawl tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u dwar il-Mekkaniżmu ta' Spinta għat-Talent fil-qafas tal-inizjattiva ta' Sfruttar tat-Talenti fir-reġjuni tal-UE. L-azzjonijiet u l-inċentivi xierqa fil-livell Ewropew u fil-livell nazzjonali sabiex tingħata spinta lill-

Emenda

L-Istrateġija Industrijali l-Ġdida¹⁴ aġġornata tipprevedi l-ħolqien konġunt ta' perkorsi ta' tranżizzjoni ekoloġika u diġitali fi sħubija mal-industrija, mal-awtoritajiet pubbliċi, mas-sħab soċjali u ma' partijiet ikkonċernati oħrajn. F'dan il-kuntest, qiegħed jiġi żviluppat perkors ta' tranżizzjoni għall-ekosistema **tal-mobbiltà** sabiex jakkumpanja t-tranżizzjoni tal-katina tal-valur tas-settur awtomobilistiku. Il-perkors iqis b'mod partikolari l-impriżi żgħar u medji fil-katina tal-provvista tas-settur awtomobilistiku, il-konsultazzjoni mas-sħab soċjali inkluż mill-Istati Membri, u jibni wkoll fuq l-Aġenda Ewropea għall-Ħiliet b'inizjattivi bħall-Patt għall-Ħiliet sabiex jimmobilizza s-settur privat u partijiet ikkonċernati oħrajn sabiex itejbu l-ħiliet tal-forza tax-xogħol tal-Ewropa u sabiex jagħtu lill-forza tax-xogħol tal-Ewropa ħiliet ġodda fid-dawl tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u dwar il-Mekkaniżmu ta' Spinta għat-Talent fil-qafas tal-inizjattiva ta' Sfruttar tat-Talenti fir-reġjuni tal-UE. L-azzjonijiet u l-inċentivi xierqa fil-livell Ewropew u fil-livell nazzjonali sabiex tingħata spinta lill-

affordabbiltà tal-vetturi b'emissjonijiet zero wkoll qegħdin jiġu indirizzati fil-perkors. Dan jista', pereżempju, jinkludi l-possibbiltà li l-Istati Membri jużaw il-Fond Soċjali għall-Klima propost sabiex jgħinu lill-mikroimprezi fix-xiri ta' trakkijiet u inġenji kbar b'emissjonijiet zero.

affordabbiltà tal-vetturi b'emissjonijiet zero wkoll qegħdin jiġu indirizzati fil-perkors. Dan jista', pereżempju, jinkludi l-possibbiltà li l-Istati Membri jużaw il-Fond Soċjali għall-Klima propost sabiex jgħinu lill-mikroimprezi fix-xiri ta' trakkijiet u inġenji kbar b'emissjonijiet zero. ***Jenħtieġ li tingħata wkoll attenzjoni partikolari lill-impatt li din it-tranżizzjoni se jkollha fuq l-SMEs tul il-katina tal-provvista.***

¹⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020: Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa, COM(2021) 350 final tal-5 ta' Mejju 2021.

¹⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020: Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa, COM(2021) 350 final tal-5 ta' Mejju 2021.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) ***Il-miri għall-flotta kollha tal-Unjoni għandhom jiġu kkomplementati bl-introduzzjoni neċessarja tal-infrastruttura tal-irriċarġjar u tar-riforniment tal-fjuwil kif stabbilit fil-Proposta tal-Kummissjoni għal regolament dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi***¹⁶.

Emenda

(12) ***Diversi Stati Membri diġà ħabbru li se jmorru lil hinn minn dawk ir-rekwiżiti minimi, u diversi manifatturi tat-trakkijiet Ewropej ħolqu imprezi konġunti biex jinstallaw u joperaw networks tal-iċċarġjar pubbliċi madwar l-Ewropa. Dan ir-regolament se jinkoraġġixxi wkoll aktar investiment fl-infrastruttura tal-irriċarġjar billi jipprovdi ċertezza għall-investituri li se jkun hemm żieda fid-domanda. L-Istati Membri jenħtieġ li jiġu mħeġġa wkoll jinkludu fl-oqfsa ta' politika nazzjonali riveduti tagħhom miżuri biex jappoġġaw il-varar ta' infrastruttura tal-irriċarġjar u tar-riforniment tal-fjuwil f'garaxxijiet, ċentri loġistiċi u mħażen. Dawk l-inizjattivi kollha se jikkontribwixxu għall-introduzzjoni neċessarja tal-infrastruttura tal-irriċarġjar u tar-riforniment tal-fjuwil***¹⁶.

¹⁶ Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, u li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, 14.7.2021, COM/2021/559 final.

¹⁶ Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, u li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, 14.7.2021, COM/2021/559 final.

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12 a) Barra minn hekk, il-varar ta' infrastruttura tal-irriċarġjar u tar-riforniment tal-fjuwil huwa ugwalment importanti f'postijiet privati, bħal f'garaxxijiet privati u f'ċentri loġistiċi biex jiġi żgurat l-irriċarġjar matul il-lejl u fid-destinazzjoni. Huwa essenzjali li l-ebda reġjun Ewropew ma jitħalla jibqa' lura u li d-disparitajiet reġjonali fil-varar ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi jiġu indirizzati kif xieraq, b'mod partikolari f'reġjuni anqas żviluppati jew reġjuni bi ħtiġijiet u ċirkostanzi speċifiċi, bħal reġjuni rurali u skarsament popolati, remoti u ultraperiferiċi, insulari u muntanjużi. Dan in-network pubbliku u privat ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar u tar-riforniment tal-fjuwil huwa kundizzjoni abilitanti biex il-manifatturi jkunu jistgħu jilħqu l-miri ta' tnaqqis tas-CO₂.

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 12b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12 b) Sabiex tikkompeti fuq skala globali, l-industrija Ewropea jeħtiġilha tkun lesta tiffaċċja l-isfidi u tipprovdi l-

infrastruttura xierqa. Għal dawn ir-raġunijiet, huwa meħtieġ network disponibbli b'mod wiesa' u affidabbli ta' punti ta' ċċarġjar pubbliċi biex jiġi appoġġat l-għadd dejjem akbar ta' vetturi elettriċi fit-triq.

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 12c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12 c) Filwaqt li huma meħtieġa standards tas-CO₂ aktar ambizzjużi biex jiżdied l-użu ta' vetturi b'emissjonijiet żero u baxxi billi tiġi indirizzata n-naħa tal-provvista, dawn iridu jiġu kkomplementati b'kundizzjonijiet abilitanti addizzjonali min-naħa tad-domanda għal vetturi aktar effiċjenti fl-użu tal-fjuwil, b'mod partikolari miżuri effettivi għall-ipprezzar tal-karbonju

Emenda 13

Proposta għal regolament Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(13) It-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika teħtieġ investimenti sinifikanti fil-grilji tal-elettriku inklużi kapaċità, reżiljenza u ħżin imsaħħin, kif ukoll konnessjonijiet addizzjonali. **Fir-rigward tal-vetturi heavy-duty, bil-livelli fil-mira proposti fl-Artikolu 3a għas-sena 2030, is-sehem ta' vetturi b'emissjonijiet żero fil-flotta totali ta' vetturi li jiċċirkolaw fit-triq kif ukoll il-konsum tal-elettriku fis-settur se jibqgħu limitati. Għalhekk, l-impatt relatat fuq il-grilja tal-elettriku se jibqa' limitat ukoll.***

*(13) **Il-varar ta' vetturi elettriċi bil-batterija, vetturi b'ċellola tal-fjuwil u vetturi oħra li jaħdmu bl-idroġenu bla dubju se jirrikjedi** investimenti sinifikanti fil-grilji tal-elettriku inklużi kapaċità, reżiljenza u ħżin imsaħħin, kif ukoll konnessjonijiet addizzjonali **u adattament tal-imġiba sabiex jiġu indirizzati s-siġhat fejn ikun hemm domanda qawwija mingħajr riskji fuq is-siġurtà tal-provvista.***

Emenda 14

Proposta għal regolament Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14 a) L-aċċess għat-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid f'diversi setturi, inkluż is-settur tal-vetturi heavy-duty li jeħtieġ li jgħaddi minn bidliet fundamentali, huwa kruċjali għal tranżizzjoni soċjalment ġusta. L-industrija tal-vetturi heavy-duty jeħtieġ li tiżgura li l-impjegati jkollhom aċċess għal opportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid, u huma mħeġġa jieħdu dawn l-opportunitajiet, mingħajr ma jkollhom iħallsu xejn. Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta u effettiva, l-immappjar u l-analiżi tal-bidliet imbassra fis-suq tax-xogħol tal-industrija tal-vetturi heavy-duty huma kruċjali.

Emenda 15

Proposta għal regolament Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15) Minħabba l-istruttura eteroġena tal-flotta totali ta' trakkijiet, mhuwiex possibbli li wieħed ibassar bis-sħiħ jekk għall-użi **speċjalizzati** kollha, l-iżviluppi teknoloġiċi humiex se jkunu rapidi biżżejjed sabiex jiżguraw li t-teknoloġija b'emissjonijiet żero mill-iżbokk tal-egżost tkun għażla vijabbli. Dan **jista'** jinkludi użi bħal vetturi heavy-duty għal distanzi twal f'morfoloġija territorjali speċifika u f'ċirkostanzi meteoroloġiċi speċifiċi, kowċis u trakkijiet għal applikazzjonijiet kritiċi ta' sigurtà u ta' sikurezza li ma jistgħux jiġu ssodisfati minn teknoloġiji b'emissjonijiet żero mill-iżbokk tal-egżost. Jenħtieġ li l-vetturi inkwistjoni jikkostitwixxu sehem limitat mill-flotta kollha ta' vetturi heavy-duty. Fid-dawl ta'

(15) Minħabba l-istruttura eteroġena tal-flotta totali ta' trakkijiet, mhuwiex possibbli li wieħed ibassar bis-sħiħ jekk għall-użi kollha, l-iżviluppi teknoloġiċi humiex se jkunu rapidi biżżejjed sabiex jiżguraw li t-teknoloġija b'emissjonijiet żero mill-iżbokk tal-egżost tkun għażla vijabbli. Dan jinkludi użi bħal vetturi heavy-duty għal distanzi twal f'morfoloġija territorjali speċifika u f'ċirkostanzi meteoroloġiċi speċifiċi, kowċis u trakkijiet għal applikazzjonijiet kritiċi ta' sigurtà u ta' sikurezza li ma jistgħux jiġu ssodisfati minn teknoloġiji b'emissjonijiet żero mill-iżbokk tal-egżost. **Barra minn hekk, minħabba raġunijiet ta' sikurezza nazzjonali u l-użu possibbli ta' evakwazzjonijiet ċivili, il-kowċis iridu**

kunsiderazzjonijiet bħal dawn, jenħtieġ li jitħalla xi marġni fil-mira tal-2040 sabiex jiġu akkomodati l-iżviluppi fit-teknoloġija li għad iridu jseħħu.

jkunu disponibbli. Jenħtieġ li l-vetturi inkwistjoni jikkostitwixxu sehem limitat mill-flotta kollha ta' vetturi heavy-duty. Fid-dawl ta' kunsiderazzjonijiet bħal dawn, jenħtieġ li jitħalla xi marġni fil-mira tal-2040 sabiex jiġu akkomodati l-iżviluppi fit-teknoloġija li għad iridu jseħħu.

Emenda 16

Proposta għal regolament Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15 a) L-Unjoni Ewropea għandha tkompli taċċellera t-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ u tikseb tnaqqis fl-emissjonijiet f'kull settur, kull sena. Biex jintlaħqu l-miri ambizzjużi ta' dan ir-Regolament, anke l-bijofjuwils u l-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika (RFNBO) bħad-derivattivi tal-idroġenu, jeħtieġ li jkollhom rwol importanti fit-tranżizzjoni. Biex twitti t-triq għal vetturi elettriċi jew tal-idroġenu b'emissjonijiet żero u biex toħloq regolament ċar kostanti għad-domanda tas-suq, huwa importanti li jiġi stabbilit l-għan ambizzjuż ta' 90 fil-mija għall-2040, peress li bħalissa 1-2 % biss tat-trakkijiet heavy-duty li jinbiegħu huma vetturi elettriċi bil-batterija.

Emenda 17

Proposta għal regolament Premessa 15b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15 b) Wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, il-Kummissjoni jenħtieġ li tippubblika rapport għar-reġistrazzjoni ta' vetturi heavy-duty li jaħdmu esklużivament bi fjuwils rinnovabbli għal finijiet ta' konformità f'konformità mad-

dritt tal-UE u mal-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tippreżenta dak ir-rapport, inklużi meta jkun xieraq, proposti għal miżuri ta' segwitu, bħal proposti leġiżlattivi, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

It-trakkijiet tal-akbar kombinazzjonijiet kollha li jaqbżu s-70 tunnellata tipikament jintużaw għal distanzi twal u jeħtieġ li jiġu kklassifikati f'sottogrupp speċifiku, peress li l-kalkolu tal-emissjonijiet tas-CO₂ tagħhom jeħtieġ li jiġi aġġustat għall-karatteristika speċifika tagħhom, sabiex jitqiesu t-tagħbija utli reali tagħhom u ċ-ċiklu korrett tas-sewqan.

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Fir-rigward ta' ċerti gruppi ta' vetturi, li jingħataw approvazzjoni tat-tip, l-emissjonijiet *tas-CO₂* għadhom ma ġewx iddeterminati għal raġunijiet tekniċi, u dawn il-vetturi ma għandhomx għalfejn jilħqu l-miri *tas-CO₂* stabbiliti minn dan ir-Regolament. Dawn huma, pereżempju, vetturi għal skopijiet speċjali, bħal pereżempju krejnijiet mobbli, trasportaturi ta' tagħmir multiplu idrawliku jew vetturi tat-trasport ta' tagħbijiet eċċezzjonali, vetturi off-road, bħal ċerti vetturi użati għal skopijiet ta' estrazzjoni, forestrija u agrikoltura, kif ukoll vetturi oħrajn

Fir-rigward ta' ċerti gruppi ta' vetturi, li jingħataw approvazzjoni tat-tip, l-emissjonijiet *tas-CO₂* għadhom ma ġewx iddeterminati għal raġunijiet tekniċi, u dawn il-vetturi ma għandhomx għalfejn jilħqu l-miri *tas-CO₂* stabbiliti minn dan ir-Regolament. Dawn huma, pereżempju, vetturi għal skopijiet speċjali, bħal pereżempju krejnijiet mobbli, trasportaturi ta' tagħmir multiplu idrawliku jew vetturi tat-trasport ta' tagħbijiet eċċezzjonali, vetturi off-road, bħal ċerti vetturi użati għal skopijiet ta' estrazzjoni, forestrija u agrikoltura, kif ukoll vetturi oħrajn

b'konfigurazzjonijiet tal-fus mhux standard b'hal vetturi b'aktar minn erba' fusien jew b'aktar minn żewġ fusien motorizzati, karozzi tal-linja żgħar b'massa massima ta' anqas minn 7,5 t, u trakkijiet żgħar b'massa massima ta' anqas minn 5 t.

b'konfigurazzjonijiet tal-fus mhux standard b'hal vetturi b'aktar minn erba' fusien jew b'aktar minn żewġ fusien motorizzati, **u** karozzi tal-linja żgħar b'massa massima ta' anqas minn 7,5 t, u trakkijiet żgħar b'massa massima ta' anqas minn 5 t.

Emenda 20

Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Vetturi vokazzjonali, **b'hal trakkijiet taż-żibel**, tippers jew mikzers tal-konkrit, **jenħtieġ li jkomplu** jiġu eżentati mill-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji **tas-CO₂** tal-manifatturi.

Emenda

Vetturi vokazzjonali, tippers jew mikzers tal-konkrit, **għandhom ikomplu** jiġu eżentati mill-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji **tas-CO₂** tal-manifatturi.

Emenda 21

Proposta għal regolament Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni

(30) Barra minn hekk, sabiex jissaħħaħ l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda b'emissjonijiet żero f'kumpaniji żgħar u ta' daqs medju speċjalizzati, **għandu** jkun possibbli wkoll li jiġu ttrasferiti vetturi b'emissjonijiet żero bejn entitajiet mhux konnessi.

Emenda

(30) Barra minn hekk, sabiex jissaħħaħ l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda b'emissjonijiet żero f'kumpaniji żgħar u ta' daqs medju speċjalizzati, **jenħtieġ li** jkun possibbli wkoll li jiġu ttrasferiti vetturi b'emissjonijiet żero bejn entitajiet mhux konnessi, **u li l-vetturi eżistenti jiġu ttrasferiti b'mod retroattiv għal vetturi b'emissjonijiet żero. Il-modifika retroattiva tal-vetturi eżistenti tirrappreżenta opportunità kbira biex tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni lejn mobbiltà b'emissjonijiet żero b'mod kosteffiċjenti u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi.**

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) 2019/1242
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet ***tas-CO₂*** għall-vetturi heavy-duty ġodda li jikkontribwixxu għall-ilħuq ***tal-mira tal-Unjoni li tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tagħha***, kif stabbilita fir-Regolament (UE) 2018/842²³, u tal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi²⁴ u għall-iżgurar tal-funzjonament xieraq tas-suq intern.

²³ Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 16, 19.6.2018, p. 26.

²⁴ ĠU L 282, 19.10.2016, p.4.

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c
Regolament (UE) 2019/1242
Artikolu 1 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Vetturi għajr dawk imsemmijin fil-paragrafu 4 irreġistrati għall-użu mill-protezzjoni ċivili, mis-servizzi tat-tifi tan-nar, mill-forzi responsabbli għaż-żamma tal-ordni pubbliku, mis-servizzi armati jew għall-kura medika urġenti ma għandhomx ikunu soġġetti għall-miri tal-emissjonijiet

Emenda

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet ***tas-CO₂*** għall-vetturi heavy-duty ġodda li jikkontribwixxu għall-ilħuq ***tal-objettiv tan-newtralità klimatika u l-miri klimatiċi intermedji tal-Unjoni***, kif stabbilita fir-Regolament (UE) 2018/842²³, u tal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi²⁴ u għall-iżgurar tal-funzjonament xieraq tas-suq intern.

²³ Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 16, 19.6.2018, p. 26.

²⁴ ĠU L 282, 19.10.2016, p.4.

Emenda

5. Vetturi għajr dawk imsemmijin fil-paragrafu 4 irreġistrati għall-użu mill-protezzjoni ċivili, mis-servizzi tat-tifi tan-nar, mill-forzi responsabbli għaż-żamma tal-ordni pubbliku, mis-servizzi armati jew għall-kura medika urġenti ***jew mit-trakkijiet tal-kategorija N3 fil-grupp 11,***

tas-CO2 skont l-Artikolu 3a, jekk Stat Membru jindika dan fil-proċess ta' reġistrazzjoni u ta' rapportar, u b'hekk jikkonferma fid-data rrapportata f'konformità mal-Parti A tal-Anness IV li l-iskop tal-vettura ma jistax jiġi moqdi bl-istess mod minn ZEV u, għalhekk, huwa fl-interess pubbliku li vettura b'magna tal-kombustjoni tiġi rreġistrata sabiex jintlaħaq dak l-iskop.

12 jew 16 li jistgħu jintużaw fl-Istat tar-Reġistrazzjoni tagħhom għall-kombinazzjonijiet tal-irmunkar b'massa massima permissibbli li taqbeż is-70 tunnellata, ma għandhomx ikunu soġġetti għall-miri tal-emissjonijiet *tas-CO2* skont l-Artikolu 3a, jekk Stat Membru jindika dan fil-proċess ta' reġistrazzjoni u ta' rapportar, u b'hekk jikkonferma fid-data rrapportata f'konformità mal-Parti A tal-Anness IV li l-iskop tal-vettura ma jistax jiġi moqdi bl-istess mod minn ZEV u, għalhekk, huwa fl-interess pubbliku li vettura b'magna tal-kombustjoni tiġi rreġistrata sabiex jintlaħaq dak l-iskop.

Emenda 24

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt i

Regolament (UE) 2019/1242

Artikolu 3 – punt 23a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(23 a) “Fjuwils eliġibbli għas-CCF”
tfisser bijogass kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (28) tal-(UE) 2018/2001, bijoffjuwils avanzati kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (34) tal-(UE) 2018/2001 u fjuwils rinnovabbli ta' orijini mhux bijoloġika kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (36) tal-(UE) 2018/2001, li jissodisfaw il-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra stabbiliti fl-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001.*

Emenda 25

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt i

Regolament (UE) 2019/1242

Artikolu 23 – punt 23b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(23 b) “Fattur ta’ Korrezzjoni tal-Karbonju (CCF)” tfisser fattur li japplika korrezzjoni għall-emissjonijiet tas-CO₂ mill-iżbokk tal-egżost tal-vetturi għall-valutazzjoni tal-konformità, biex jiġu riflessi l-intensità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u s-sehem tal-fjuwils eliġibbli għas-CCF, kif definit fl-Artikolu 3(24) ta’ dan ir-Regolament.

Emenda 26

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt i

Regolament (UE) 2019/1242

Artikolu 23 – punt 23c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(23 c) Kombinazzjonijiet Tqal Ħafna (EHC) tfisser vetturi b’massa permissibbli massima ta’ aktar minn 60 tunnellata, meta mqabbla mal-medja tal-UE ta’ 40 tunnellata. Peress li l-formula għall-kalkolu tal-emissjonijiet tas-CO₂ tassumi l-istess tagħbija bħal dik għal vetturi heavy-duty ferm iżgħar, il-formula għandha tiġi mmodifikata biex titqies iż-żieda fl-effiċjenza enerġetika ta’ dawn il-kombinazzjonijiet tqal ħafna ħalli jiġu riflessi aħjar l-emissjonijiet tal-ħajja reali.

Emenda 27

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Regolament (UE) 2019/1242

Artikolu 3a – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. F’konformità mal-punt 1.1.4 tal-Anness I, il-vetturi heavy-duty li mhumiex

attribwiti lil wieħed mis-sottogruppi fil-punt 1.1 tal-Anness I għandhom jitqiesu għall-valutazzjoni tal-konformità tal-manifatturi mad-dispożizzjonijiet tal-miri tat-tnaqqis stabbiliti fil-paragrafu 1.

Emenda 28

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Regolament (UE) 2019/1242

Artikolu 3b – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Għall-vetturi msemmijin fil-punt 4.2 tal-Anness I, il-manifatturi għandhom jikkonformaw mal-ishma minimi ta' vetturi b'emissjonijiet żero fil-flotta tagħhom ta' vetturi heavy-duty ġodda kif stabbiliti fil-punt 4.3 tal-Anness I. Għall-karozzi tal-linja urbani ġodda, is-sehem ta' vetturi b'emissjonijiet żero għandu jkun ta' **100 %** mill-perjodu ta' rapportar tas-sena 2030.;

Emenda

1. Għall-vetturi msemmijin fil-punt 4.2 tal-Anness I, il-manifatturi għandhom jikkonformaw mal-ishma minimi ta' vetturi b'emissjonijiet żero fil-flotta tagħhom ta' vetturi heavy-duty ġodda kif stabbiliti fil-punt 4.3 tal-Anness I. Għall-karozzi tal-linja urbani ġodda, is-sehem ta' vetturi b'emissjonijiet żero għandu jkun ta' **90 %** mill-perjodu ta' rapportar tas-sena 2030 **u ta' 100 % mill-perjodu ta' rapportar tas-sena 2035.**

Emenda 29

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Regolament (UE) 2019/1242

Artikolu 3b – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jeskludu mill-obbligu skont dan l-Artikolu sehem limitat tal-karozzi tal-linja urbani rreġistrati f'kull perjodu ta' rapportar, **billi jikkonfermaw li l-iskop tal-vettura ma jistax jinqeda bl-istess mod minn vettura b'emissjonijiet żero u, għalhekk, huwa fl-interess pubbliku li tiġi rreġistrata vettura mhux b'emissjonijiet żero li tissodisfa dak l-iskop**, minħabba kost-benefiċċju

Emenda

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jeskludu mill-obbligu skont dan l-Artikolu sehem limitat tal-karozzi tal-linja urbani rreġistrati f'kull perjodu ta' rapportar, **għall-interess** pubbliku, minħabba kost-benefiċċju soċjoekonomiku fid-dawl ta' morfoloġija territorjali jew ċirkostanzi meteoroloġiċi speċifiċi **u għal raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali u biex jiġu indirizzati diżastri naturali.**

soċjoekonomiku fid-dawl ta' morfologġija territorjali jew ċirkostanzi meteoroloġiċi speċifiċi.

Emenda 30

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Regolament (UE) 2019/1242

Artikolu 3c – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti għandhom jibbażaw l-għoti ta' kuntratti għax-xiri jew għall-użu ta' vetturi msemmin fl-Artikolu 3b fuq l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża li għandha tinkludi l-aħjar proporzjon bejn il-prezz u l-kwalità u s-sigurtà tal-provvista tal-offerta ta' prezzijiet, f'konformità mad-dritt internazzjonali rilevanti.

Emenda

1. L-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti għandhom jibbażaw l-għoti ta' kuntratti **pubbliċi** għax-xiri jew għall-użu ta' vetturi msemmin fl-Artikolu 3b fuq l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża li għandha tinkludi l-aħjar proporzjon bejn il-prezz u l-kwalità u s-sigurtà tal-provvista tal-offerta ta' prezzijiet **u l-kriterji soċjali u ambjentali**, f'konformità mad-dritt internazzjonali rilevanti.

Emenda 31

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5

Regolament (UE) 2019/1242

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) fl-Artikolu 4, l-ewwel paragrafu, jiddaħħal il-punt (c) li ġej:

“(c) l-applikazzjoni tal-Fattur ta' Korrezzjoni tal-Karbonju (CCF) mill-2030 'il quddiem iddeterminat f'konformità mal-punt 2.1 tal-Anness I.

L-effett tas-CCF għandu jkun limitat sabiex dak li jitqies ikun biss l-ammonti addizzjonali ta' fjuwil li jaqbżu s-submira kkombinata vinkolanti għall-bijofjuwils avvanzati u għall-fjuwils rinnovabbli ta'

oriġini mhux bijoloġika fis-sehem tal-enerġiji rinnovabbli fornuti lis-settur tat-trasport, kif definit fid-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Għandu jiġi stabbilit limitu massimu biex jiġi żgurat li ma jkunux jistgħu jinkisbu aktar minn 10 punti perċentwali tal-miri għat-tnaqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ għas-snin 2030, 2035 u 2040 permezz tal-effett tal-fattur ta' korrezzjoni tal-karbonju. Għalhekk, għandu jiġi stabbilit limitu massimu għas-snin 2030-2034 sabiex fil-fattur jitqies sehem ta' mhux aktar minn 12,5 % tal-fjuwils eliġibbli għas-CCF, kif definit fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament. Għas-snin 2035-2039, is-sehem għandu jkun sa 17 % u mill-2040 'il quddiem sa 40 %."

Emenda 32

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt ba (ġdid)

Regolament (UE) 2019/1242

Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) fl-Artikolu 5, it-tielet paragrafu, jiddaħħal il-punt (3a) li ġej:

“(3a) Fattur ta' kumpens allokat għal dawk it-trakkijiet N3 irreġistrati għall-ewwel darba matul il-perjodu ta' rapportar u li tħallew jintużaw fl-Istati Membri bl-ogħla mases ikkombinati applikabbli għal trasport ikkombinat tqil ħafna, li huwa ta' aktar minn 60 tunnellata. Fir-rigward tal-fattur ta' kumpens imsemmi f'dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2024, tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 17 biex tagħmel emendi għall-formula tal-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO₂ tal-manifatturi fl-Anness I il-punt 2.7, sabiex tikkompensa għall-effiċjenza

enerġetika ogħla ta' kombinazzjonijiet tqal ħafna u tikkoreġi d-distorsjonijiet fl-emissjonijiet ikkalkolati tagħhom.”

Emenda 33

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt d

Regolament (UE) 2019/1242

Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kreditu tal-emissjonijiet u d-djun tal-emissjonijiet miksubin fil-perjodi ta' rapportar mill-2025 sal-2039, meta applikabbli, għandhom jiġu riportati minn perjodu ta' rapportar għall-perjodu ta' rapportar li jmiss. Madankollu, kwalunkwe dejn tal-emissjonijiet li jkun fadal għandu jixxejjen *fil-perjodi* ta' rapportar *tas-snin 2029, 2034 u 2039*;

Emenda

Il-kreditu tal-emissjonijiet u d-djun tal-emissjonijiet miksubin fil-perjodi ta' rapportar mill-2025 sal-2039, meta applikabbli, għandhom jiġu riportati minn perjodu ta' rapportar għall-perjodu ta' rapportar li jmiss. Madankollu, kwalunkwe dejn tal-emissjonijiet li jkun fadal għandu jixxejjen *fil-perjodu* ta' rapportar *tas-sena 2039*;

Emenda 34

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18

Regolament (UE) 2019/1242

Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Fl-**2028**, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami tal-effettività u tal-impatt ta' dan ir-Regolament u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bir-riżultat tar-riieżami.

Emenda

Fl-**2027**, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami tal-effettività u tal-impatt ta' dan ir-Regolament u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bir-riżultat tar-riieżami.

Emenda 35

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18

Regolament (UE) 2019/1242

Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 3 (ġdid)

Ir-rapport għandu jivvaluta l-possibbiltà li jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni t-trakkijiet tal-kategorija N3 fil-gruppi 11, 12 u 16 li huma permessi li jintużaw fl-Istat tar-Reġistrazzjoni tagħhom għal kombinazzjonijiet tal-irmonk b'massa massima permissibbli li taqbeż is-70 tonnellata, dment li l-kalkolu tal-emissjonijiet ta' dawn il-vetturi jkun ġie żviluppat biex jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tagħhom bħala tratturi ta' kombinazzjonijiet tqal.

Sal-31 ta' Diċembru 2025, u kull sena minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, dwar l-istat tal-kundizzjonijiet abilitanti għall-adozzjoni fis-suq ta' vetturi heavy-duty b'emissjonijiet żero fl-Unjoni. F'dan ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tivvaluta b'mod partikolari, iżda mhux limitat għal, l-elementi li ġejjin:

(a) ir-reġistrazzjonijiet ta' vetturi heavy-duty b'emissjonijiet żero fl-Istati Membri,

(b) il-varar ta' infrastruttura tal-iċċarġjar u tar-riforniment tal-fjuwil xierqa għall-vetturi heavy-duty fl-Istati Membri,

(c) l-implimentazzjoni tal-pedaġġi tat-triq differenzjati skont l-emissjonijiet tas-CO₂ fl-Istati Membri,

(d) il-livell tal-prezz medju tal-kwoti skont is-sistema l-ġdida għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet li tkopri t-trasport bit-triq,

(e) miżuri oħra li jappoġġaw l-adozzjoni ta' vetturi heavy-duty b'żero emissjonijiet.

Jekk ir-rapport jikkonkludi li l-kundizzjonijiet abilitanti, speċjalment skont il-paragrafi (b), (c) jew (d) jinstabu li mhumiex konformi mal-miri għall-manifatturi tal-vetturi fl-Artikolu 3a u b ta' dan ir-Regolament, is-sejbiet tar-rapport għandhom jitqiesu għal

reviżjonijiet futuri tad-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-Direttiva (UE) 2022/362 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Il-Kummissjoni għandha mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2026 tippubblika rapport li jistabbilixxi metodoloġija għall-valutazzjoni u r-rapportar konsistenti ta' data dwar l-emissjonijiet ta' CO₂ tul iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħa tal-vetturi heavy-duty li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta dak ir-rapport, inklużi meta jkun xieraq, proposti xierqa għal miżuri ta' segwitu, bħal proposti leġiżlattivi, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Emenda 36

**Proposta għal regolament
Anness I – 1.1.4. (ġdid)**

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>	
<i>Emenda</i>	
<p>1.1.4. Trakkijiet iżgħar ġodda tal-kategorija N2, li ma jappartjenux għal wieħed mis-sottogrupperi stabbiliti fil-punti 1.1.1 u 1.1.2, u li għalihom ma ġiet iddeterminata l-ebda emissjoni tas-CO₂ għal raġunijiet tekniċi f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/2400, iżda f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 595/2009 u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu jew ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu, għandhom jiġu attribwiti lis-sottogrupperi li ġejjin għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:</p>	
<i>Karatteristiċi tal-vettura</i>	<i>Sottogrupp ta' vetturi (sg) attribwit għall-finijiet ta' dan ir-Regolament</i>
<i>Kategorija N; TPMLM* ≤ 5 t</i>	53

Emenda 37

**Proposta għal regolament
Anness I – punt 1.2**

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>		
1.2. Il-vetturi vokazzjonali huma definiti mill-kriterji li ġejjin:		
Kategorija tal-vettura	Konfigurazzjoni tax-xażi	Kriterji għall-vetturi vokazzjonali
N	Riġida	Waħda miċ-ċifri li ġejjin, kif elenkati fl-Appendiċi 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/858, tintuża sabiex tissupplimenta l-kodiċi għall-karozzerija indikat fl-entrata 38 taċ-ċertifikat ta' konformità: 09, 10, 15, 16, 18 , 19, 20, 23, 24, 25, 26, 27, 28, 31
	Trattur	Veloċità massima ta' mhux aktar minn 79 km/h
<i>Emenda</i>		
1.2. Il-vetturi vokazzjonali huma definiti mill-kriterji li ġejjin:		

Kategorija tal-vettura	Konfigurazzjoni tax-xażi	Kriterji għall-vetturi vokazzjonali
N	Riġida	Waħda miċ-ċifri li ġejjin, kif elenkati fl-Appendiċi 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/858, tintuża sabiex tissupplimenta l-kodiċi għall-karozzerija indikat fl-entrata 38 taċ-ċertifikat ta' konformità: 09, 10, 15, 16, 19, 20, 23, 24, 25, 26, 27, 28, 31
	Trattur	Veloċità massima ta' mhux aktar minn 79 km/h

Emenda 38

Proposta għal regolament

ANNEX I – 2 – 2.1.

Regolament (UE) 2019/1242

Anness I – punt 2.1

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>	
Kalkolu tal-emissjonijiet tas-CO2 speċifiċi ta' vettura heavy-duty ġdida	
L-emissjonijiet speċifiċi fi g/km ta' vettura heavy-duty ġdida v, attribwita għal sottogrupp sg jew tal-vettura primarja tiegħu għandhom jiġu kkalkolati f'konformità mal-formula li ġejja:	
$CO2_v = \sum_{mp} W_{sg,mp} \times CO2_{v,mp}$	
$CO2p_v = \sum_{mp} W_{sg,mp} \times CO2p_{v,mp}$	
fejn:	
\sum_{mp}	hija s-somma tal-profil tal-missjoni kollha mp elenkati fit-Tabella 2;
sg	huwa s-sottogrupp li għalih ġiet attribwita l-vettura heavy-duty ġdida v skont it-Taqsima 1 ta' dan l-Anness;
$W_{sg,mp}$	huwa l-piż tal-profil tal-missjoni speċifikat fil-punti 2.1.1 sa 2.1.3;
$CO2_{v,mp}$	hija l-emissjonijiet tas-CO2 fi g/km tal-vettura heavy-duty ġdida v determinati għal profil tal-missjoni mp, irrapportati f'konformità mal-Artikoli 13a u 13b u normalizzati skont l-Anness III;

$CO2_{p_v,mp}$	<p>hija l-emissjonijiet <i>tas-CO2</i> fi g/km tal-vettura primarja tal-vettura heavy-duty ġdida v, determinati għal profil tal-missjoni mp, irrapportati f'konformità mal-Artikoli 13a u 13b;</p> <p>Għal vetturi bil-mutur b'emissjonijiet zero, il-valuri ta' <i>CO2,mp</i> u ta' <i>CO2p,mp</i> għandhom jiġu ssettjati għal 0.</p>
<i>Emenda</i>	
Kalkolu tal-emissjonijiet <i>tas-CO2</i> speċifiċi ta' vettura heavy-duty ġdida	
<p>L-emissjonijiet speċifiċi fi g/km ta' vettura heavy-duty ġdida v, attribwita għal sottogrupp sg jew tal-vettura primarja tiegħu għandhom jiġu kkalkolati f'konformità mal-formula li ġejja:</p> $CO2_v = \sum_{mp} W_{sg,mp} \times CO2_{v,mp} \times (1 - CCF_i)$ $CO2_{p_v} = \sum_{mp} W_{sg,mp} \times CO2_{p_v,mp} \times (1 - CCF_i)$ <p>fejn:</p> <p>\sum_{mp} hija s-somma tal-profil tal-missjoni kollha mp elenkati fit-Tabella 2;</p> <p>sg huwa s-sottogrupp li għalih ġiet attribwita l-vettura heavy-duty ġdida v skont it-Taqsima 1 ta' dan l-Anness;</p> <p>$W_{sg,mp}$ huwa l-piż tal-profil tal-missjoni speċifikat fil-punti 2.1.1 sa 2.1.3;</p> <p>$CO2_{v,mp}$ hija l-emissjonijiet <i>tas-CO2</i> fi g/km tal-vettura heavy-duty ġdida v determinati għal profil tal-missjoni mp, irrapportati f'konformità mal-Artikoli 13a u 13b u normalizzati skont l-Anness III;</p> <p>$CO2_{p_v,mp}$ hija l-emissjonijiet <i>tas-CO2</i> fi g/km tal-vettura primarja tal-vettura heavy-duty ġdida v, determinati għal profil tal-missjoni mp, irrapportati f'konformità mal-Artikoli 13a u 13b;</p> <p><i>CCF_i</i> <i>huwa l-Fattur ta' Korrezzjoni tal-Karbonju għall-fjuwil jew it-taħlita ta' fjuwils li qed jintużaw, kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (25) u kkalkolat skont il-paragrafu 7 ta' dan l-Anness, li għandu jiġi applikat mill-2030 'il quddiem.</i></p> <p>Għal vetturi bil-mutur b'emissjonijiet zero, il-valuri ta' <i>CO2_{v,mp}</i> u ta' <i>CO2_{p_v,mp}</i> għandhom jiġu ssettjati għal 0.</p>	

Emenda 39

Proposta għal regolament

Annex I – punt 2.7.2

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>	
2.7.2. Għall-perjodi ta' rapportar mill-2025:	
$CO2(NO) = \sum_{sg} share_{sg} \times MPW_{sg} \times avgCO2_{sg}$	
$CO2(MCO2) = \sum_{sg} share_{sg} \times MPW_{sg} \times [avgCO2_{sg} \times (1 - pv_{sg}) + avgCO2p_{sg} \times pv_{sg}]$	
$CO2(MZE) = \sum_{sg} share_{sg} \times MPW_{sg} \times (1 - zev_{sg}) \times rCO2_{sg}$	
$CO2(M) = CO2(MCO2) + CO2(MZE)$	
Fejn,	\sum_{sg}
	hija s-somma fuq dawk is-sottogruppi li huma inklużi fil-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji partikolari tas-CO2 skont il-punt 4.2;
	<i>ZLEV</i> hija kif determinata fil-punt 2.3;
	<i>share_{sg}</i> hija kif determinata fil-punt 2.4;
	<i>zev_{sg}</i> hija kif determinata fil-punt 2.4;
	<i>pv_{sg}</i> hija kif determinata fil-punt 2.4;
	<i>MPW_{sg}</i> hija kif determinata fil-punt 2.6;
	<i>avgCO2_{sg}</i> hija kif determinata fil-punt 2.2;
	<i>avgCO2p_{sg}</i> hija kif determinata fil-punt 2.2;
	<i>rCO2_{sg}</i> hija kif determinata fil-punt 3.1.2.
<i>Emenda</i>	
2.7.2. Għall-perjodi ta' rapportar mill-2025:	
$CO2(NO) = \sum_{sg} share_{sg} \times MPW_{sg} \times (avgCO2_{sg} \times (1 - share_{sgEHC}) + \alpha_{sg} \times avgCO2_{sg} \times share_{sgEHC})$	
$CO2(MCO2) = \sum_{sg} share_{sg} \times MPW_{sg} \times [avgCO2_{sg} \times (1 - pv_{sg}) + avgCO2p_{sg} \times pv_{sg}]$	
$CO2(MZE) = \sum_{sg} share_{sg} \times MPW_{sg} \times (1 - zev_{sg}) \times rCO2_{sg}$	
$CO2(M) = CO2(MCO2) + CO2(MZE)$	
Fejn,	\sum_{sg}
	hija s-somma fuq dawk is-sottogruppi li huma inklużi fil-

	kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji partikolari tas-CO₂ skont il-punt 4.2;
<i>ZLEV</i>	hija kif determinata fil-punt 2.3;
<i>share_{sg}</i>	hija kif determinata fil-punt 2.4;
<i>zev_{sg}</i>	hija kif determinata fil-punt 2.4;
<i>pv_{sg}</i>	hija kif determinata fil-punt 2.4;
<i>MPW_{sg}</i>	hija kif determinata fil-punt 2.6;
<i>avgCO_{2sg}</i>	hija kif determinata fil-punt 2.2;
<i>avgCO_{2psg}</i>	hija kif determinata fil-punt 2.2;
<i>rCO_{2sg}</i>	hija kif determinata fil-punt 3.1.2.

share_{sgEHC} huwa s-sehem fis-sottogrupp sg tal-vetturi heavy-duty ġodda tal-kategorija N3 tal-manifattur li huma permessi li jintużaw f'EHC

α_{sg} huwa l-fattur ta' kumpens biex jiġi aġġustat l-effett tat-tagħbija utli ogħla ta' EHC fuq it-trakkijiet tal-manifattur, skont il-massa massima permissibbli tal-kombinazzjoni f'servizz, bl-użu tal-valur ponderat tar-riżultat tal-formuli li ġejjin:

α_{sg} = 1 + (-3/5*avgGVW_{sg ċomb 8x4}-30)/100, għal trakkijiet EHC 8x4

α_{sg} = 1 + (-3/5*avgGVW_{sg ċomb other}+19)/100, għal trakkijiet oħra EHC

avgGVW_{sg ċomb} hija l-medja speċifika għall-manifattur fil-pajjiż ta' reġistrazzjoni għall-massa massima permissibbli tal-kombinazzjoni (tunnellati) f'servizz għat-trakkijiet EHC inkwistjoni fis-sottogrupp sg, meta tiġi ssodisfata l-kundizzjoni li ġejja:

Għall-finijiet tal-kalkolu tal-emissjonijiet tas-CO₂, trakk kopert minn dan ir-Regolament għandu jitqies bħala parti minn EHC jekk it-trakk ikun fil-kategorija N3 u l-massa massima permissibbli fis-servizz tal-kombinazzjoni ta' vetturi fil-pajjiż tar-reġistrazzjoni tkun ta' aktar minn 60 tunnellata u tkun ġiet irrapportata f'konformità mal-punt (qa) tal-Parti A tal-Anness IV.

Emenda 40

Proposta għal regolament

ANNEX I – 4 – 4.1. – Tabella 4.2.

Regolament (UE) 2019/1242

Anness I – tabella 4.2

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>			
4.2. Is-sottogruppi ta' vetturi inklużi fil-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO₂ u tal-miri tal-emissjonijiet speċifiċi tal-manifatturi			
X = 2025	X= NO	X = MCO2	X= MZE

sottogruppi ta' vetturi, soġġetti għal miri ta' emissjonijiet ta' CO₂ skont l-Artikolu 3a, il-paragrafu 1(a)	sottogruppi ta' vetturi għat-trasport tal-merkanzija, soġġetti għal miri ta' emissjonijiet ta' CO₂ skont l-Artikolu 3a, il-paragrafi 1(b), 1(c) u 1(d) u l-paragrafu 3	sottogruppi ta' vetturi għat-trasport tal-persuni, soġġetti għal miri ta' emissjonijiet ta' CO₂ skont l-Artikolu 3a, il-paragrafi 1(b), 1(c) u 1(d)	sottogruppi ta' vetturi għat-trasport tal-persuni, soġġetti għal miri ta' vetturi ta' emissjonijiet żero skont l-Artikolu 3b
4-UD, 4-RD, 4-LH, 5-RD, 5-LH, 9-RD, 9-LH, 10-RD, 10-LH	Is-sottogruppi ta' vetturi kollha msemmin fil-punti 1.1.1 u 1.1.3.	32-C2, 32-C3, 32-DD, 34-C2, 34-C3, 34-DD,	31-LF, 31-L1, 31-L2 , 31-DD, 33-LF, 33-L1, 33-L2 , 33-DD, 35-FE, 39-FE

Emenda

4.2. Is-sottogruppi ta' vetturi inklużi fil-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji **tas-CO₂** u tal-miri tal-emissjonijiet speċifiċi tal-manifatturi

X = 2025	X= NO	X = MCO ₂	X= MZE
sottogruppi ta' vetturi, soġġetti għal miri ta' emissjonijiet ta' CO₂ skont l-Artikolu 3a, il-paragrafu 1(a)	sottogruppi ta' vetturi għat-trasport tal-merkanzija, soġġetti għal miri ta' emissjonijiet ta' CO₂ skont l-Artikolu 3a, il-paragrafi 1(b), 1(c) u 1(d) u l-paragrafu 3	sottogruppi ta' vetturi għat-trasport tal-persuni, soġġetti għal miri ta' emissjonijiet ta' CO₂ skont l-Artikolu 3a, il-paragrafi 1(b), 1(c) u 1(d)	sottogruppi ta' vetturi għat-trasport tal-persuni, soġġetti għal miri ta' vetturi ta' emissjonijiet żero skont l-Artikolu 3b
4-UD, 4-RD, 4-LH, 5-RD, 5-LH, 9-RD, 9-LH, 10-RD, 10-LH	Is-sottogruppi ta' vetturi kollha msemmin fil-punti 1.1.1 u 1.1.3.	31-L2 , 32-C2, 32-C3, 32-DD, 33-L2 , 34-C2, 34-C3, 34-DD,	31-LF, 31-L1, 31-DD, 33-LF, 33-L1, 33-DD, 35-FE, 39-FE

Emenda 41

Proposta għal regolament

ANNEX I – 4 – 4.3. – Tabella 4.3.1.

Regolament (UE) 2019/1242

Annex I – tabella 4.3.1

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>					
4.3.1. Il-miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ rfsg u rfp _{sg} li ġejjin skont l-Artikolu 3a għandhom japplikaw għal vetturi fis-sottogrupp sg għal perjodi ta' rappurtar differenti:					
il-miri ta' tnaqqis tas-CO₂ rf _{sg} u rfp _{sg}					
Sottogrupp pi _{sg}		Perjodu ta' rappurtar tas-snin			
		2025 – 2029	2030 – 2034	2035 – 2039	Mill-2040
Trakkijiet medji	53, 54	0	43%	64%	90%
Trakkijiet tqal > 7,4 t	1s, 1, 2, 3	0	43%	64%	90%
Trakkijiet tqal > 16 t b'konfigurazzjonijiet tal-fusien 4x2 u 6x4	4-UD, 4-RD, 4-LH, 5-RD, 5-LH, 9-RD, 9-LH, 10-RD, 10-LH	15%	43%	64%	90%
Trakkijiet tqal > 16 t b'konfigurazzjonijiet ta' fusien speċjali	11, 12, 16	0	43%	64%	90%
Kowċis (rf _{sg})	32-C2, 32-C3, 32-DD, 34-C2, 34-C3, 34-DD	0	43%	64%	90%
Vetturi primarji tal-kowċis (rfp _{sg})	32-C2, 32-C3, 32-DD, 34-C2, 34-C3, 34-DD	0	43%	64%	90%
Trejlers		0	7,5%	7,5%	7,5%
Semitrejlers		0	15%	15%	15%
<i>Emenda</i>					

4.3.1. Il-miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet **tas-CO₂** rf_{sg} u rfp_{sg} li ġejjin skont l-Artikolu 3a għandhom japplikaw għal vetturi fis-sottogrupp sg għal perjodi ta' rapportar differenti:

il-miri ta' tnaqqis tas-CO₂ rf_{sg} u rfp_{sg}					
Sottogrupp pi_{sg}		Perjodu ta' rapportar tas-snin			
		2025 – 2029	2030 – 2034	2035 – 2039	Mill-2040
Trakkijiet medji	53, 54	0	43%	64%	90%
Trakkijiet tqal > 7,4 t	1s, 1, 2, 3	0	43%	64%	90%
Trakkijiet tqal > 16 t b'konfigurazzjonijiet tal-fusien 4x2 u 6x4	4-UD, 4-RD, 4-LH, 5-RD, 5-LH, 9-RD, 9-LH, 10-RD, 10-LH	15%	43%	64%	90%
Trakkijiet tqal > 16 t b'konfigurazzjonijiet ta' fusien speċjali	11, 12, 16	0	43%	64%	90%
Kowċis u karozzi tal-linja interurbani (rf_{sg})	31-L2, 32-C2, 32-C3, 32-DD, 33-L2, 34-C2, 34-C3, 34-DD	0	43%	64%	90%
Vetturi primarji tal-kowċis u karozzi tal-linja interurbani (rfp_{sg})	31-L2, 32-C2, 32-C3, 32-DD, 33-L2, 34-C2, 34-C3, 34-DD	0	43%	64%	90%
Trejlers	421, 421v, 422, 422v, 423, 431, 431v, 432, 432v, 433, 611, 612, 611v, 612v, 621, 623, 621V, 622,	0	5,0 %	5,0 %	5,0 %

	622V, 623V, 624, 624V, 625, 631, 631v, 632, 632v, 633				
Semitrejlers	111, 111V, 112, 112V, 113, 121, 121V, 122, 122V, 123, 123V, 124, 124V, 125, 126	0	5,0 %	5,0 %	5,0 %
<i>Semitrejlers</i>	131, 131V, 132, 132V, 133	0	5,0%	7,5%	7,5%

Emenda 42

Proposta għal regolament

Anness I – punt 4.3.2

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>					
4.3.2. Il-miri tal-vetturi b'emissjonijiet zero li ġejjin zevMsg skont l-Artikolu 3b huma applikabbli għall-vetturi fis-sottogrupp sg għal perjodi ta' rapportar differenti:					
Mandati tal-vetturi b'emissjonijiet zero zevMsg					
Sottogruppi sg	Perjodu ta' rapportar tas-snin				
		qabel l-2030	2030 – 2034	2035 – 2039	Mill-2040
Karozzi tal-linja tqal urbani	31-LF, 31-L1, 31-DD, 33-LF, 33-L1, 33-DD, 35-FE, 39-FE, 31-L2, 33-L2	0	100%	100%	100%
<i>Emenda</i>					
4.3.2. Il-miri tal-vetturi b'emissjonijiet zero li ġejjin zevM _{sg} skont l-Artikolu 3b huma applikabbli għall-vetturi fis-sottogrupp sg għal perjodi ta' rapportar differenti:					
Mandati tal-vetturi b'emissjonijiet zero zevM _{sg}					

Sottogruppi sg		Perjodu ta' rapportar tas-snin			
		qabel l-2030	2030 – 2034	2035 – 2039	Mill-2040
Karozzi tal-linja tqal urbani	31-LF, 31-L1, 31-DD, 33-LF, 33-L1, 33-DD, 35-FE, 39-FE	0	100%	100%	100%

Emenda 43

Proposta għal regolament

Anness I – punt 6a (ġdid)Regolament (UE) 2019/1242

Anness I – punt 7 (ġdid)

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>
<i>Emenda</i>
<p>7. KALKOLU TAL-FATTUR TA' KORREZZJONI TAL-KARBONJU (CCF)</p> <p><i>Għal kull fjuwil jew taħlita ta' fjuwils i, is-CCF għandu jiġi kkalkolat skont il-metodu li ġej:</i></p> <p><i>Għall-“Fjuwils eliġibbli għas-CCF”, kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt (25), CCF_i = 1.</i></p> <p><i>Għall-fjuwils konvenzjonali u fossili, CCF_i = 0.</i></p> <p><i>Għat-taħlitiet ta' fjuwils konvenzjonali u fjuwils eliġibbli għas-CCF, is-CCF għandu jiġi kkalkolat skont il-formula li ġejja:</i></p> $CCF_i = \frac{\frac{SHARES_{n,i}}{100} + \frac{SHARES_{n-1,i}}{100} + \frac{SHARES_{n-2,i}}{100}}{3}$ <p><i>Fejn:</i></p> <p><i>CCF_i huwa l-Fattur ta' Korrezzjoni tal-Karbonju għal taħlita speċifika ta' fjuwils konvenzjonali i u l-fjuwils kollha eliġibbli għas-CCF li jistgħu jintużaw biex jissostitwuh.</i></p> <p><i>SHARES_{n,i} huwa l-perċentwal ta' fjuwils rinnovabbli rrapportat fil-bażi tad-data Shares għall-aħħar perjodu ta' rapportar disponibbli n u kkalkolat bħala s-sehem medju</i></p>

fuq l-Istati Membri kollha tal-UE.

SHARESn - 1,i huwa l-perċentwal ta' fjuwils rinnovabbli rrapportat fil-bażi tad-data Shares għat-tieni l-aħħar perjodu ta' rapportar disponibbli n u kkalkolat bħala s-sehem medju fuq l-Istati Membri kollha tal-UE.

SHARESn - 2,i huwa l-perċentwal ta' fjuwils rinnovabbli rrapportat fil-bażi tad-data Shares għat-tielet l-aħħar perjodu ta' rapportar disponibbli n u kkalkolat bħala s-sehem medju fuq l-Istati Membri kollha tal-UE.

*Il-bażi tad-data Shares hija aċċessibbli fuq:
<https://ec.europa.eu/eurostat/web/energy/database/additional-data>*

Emenda 44

Proposta għal regolament
Anness IV – Parti A – punt qa (ġdid)
Regolament (UE) 2019/1242
Anness IV – (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(qa) il-massa massima għal trakk tal-kategorija N3 f'EHC imsemmi fl-Anness I, il-paragrafu 2.7.2 fil-pajjiż tar-reġistrazzjoni tat-trakk meta t-trakk ikun akkoppjat ma' semitrejler wieħed jew aktar jew ma' trejlers bi żbarra tal-irmonk;

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Emenda tar-Regolament (UE) 2019/1242 fir-rigward tat-tisħiħ tal-istandards ta' prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO ₂ għal vetturi heavy-duty ġodda u l-integrazzjoni tal-obbligi ta' rapportar, u tħassir tar-Regolament (UE) 2018/956
Referenzi	COM(2023)0088 – C9-0025/2023 – 2023/0042(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 29.3.2023
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 29.3.2023
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Miapetra Kumpula-Natri 19.4.2023
Eżami fil-kumitat	29.6.2023
Data tal-adozzjoni	12.10.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 31 –: 3 0: 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	François-Xavier Bellamy, Hildegard Bentele, Tom Berendsen, Vasile Blaga, Paolo Borchia, Beatrice Covassi, Josianne Cutajar, Nicola Danti, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Valter Flego, Lina Gálvez Muñoz, Jens Geier, Christophe Grudler, Henrike Hahn, Ivo Hristov, Ivars Ijabs, Seán Kelly, Miapetra Kumpula-Natri, Iskra Mihaylova, Angelika Niebler, Johan Nissinen, Mauri Pekkarinen, Tsvetelina Penkova, Morten Petersen, Markus Pieper, Clara Ponsatí Obiols, Sara Skyttedal, Riho Terras, Isabella Tovaglieri, Henna Virkkunen, Pernille Weiss
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Francesca Donato, Klemen Grošelj, Elena Lizzi
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Asim Ademov, Maria Grapini, Pierre Larrourou

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

31	+
PPE	Asim Ademov, François-Xavier Bellamy, Hildegard Bentele, Tom Berendsen, Vasile Blaga, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Seán Kelly, Angelika Niebler, Markus Pieper, Sara Skytvedal, Riho Terras, Henna Virkkunen, Pernille Weiss
Renew	Nicola Danti, Valter Flego, Klemen Grošelj, Christophe Grudler, Ivars Ijabs, Iskra Mihaylova, Mauri Pekkarinen, Morten Petersen
S&D	Beatrice Covassi, Josianne Cutajar, Lina Gálvez Muñoz, Jens Geier, Maria Grapini, Ivo Hristov, Miapetra Kumpula-Natri, Pierre Larrourou, Tsvetelina Penkova

3	-
ECR	Johan Nissinen
NI	Clara Ponsatí Obiols
Verts/ALE	Henrike Hahn

4	0
ID	Paolo Borchia, Elena Lizzi, Isabella Tovaglieri
NI	Francesca Donato

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni